32006D0791

18.11.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 319/49

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Novembru 2006

li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/791/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2004/67/KE tas-26 ta' April 2004 li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali[1], u b'mod partikolari Artikolu 7(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva Nru 2004/67/KE stabbilixxa Grupp ta' Koordinament għall-Gass sabiex jiffaċilita l-koordinament tal-miżuri ta' sigurtà tal-provvista. Dan il-Grupp għandu jkun kompost minn rappreżentanti ta' Stati Membri u korpi rappreżentattivi tal-industrija kkonċernata u konsumaturi rilevanti.

(2) Huwa neċessarju li tkun stabbilita l-kompożizzjoni dettaljata tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass.

(3) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Nru 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva Nru 98/30/KE[2], il-korpi tal-industrija konċernata li ġejjin għandhom jitqiesu rappreżentattivi:

– l-assoċjazzjoni Ewropea rappreżentattiva tal-operaturi l-kbar tan-netwerk, jiġifieri l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni fis-sens tal-Artikolu 2(4) tad-Direttiva Nru 2003/55/KE,

– l-assoċjazzjoni Ewropea rappreżentatttiva tal-industrija tal-provvista tal-gass,

– l-assoċjazzjoni internazzjonali li tirrappreżenta l-produtturi tal-gass fl-Ewropa.

---

1 ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.

2 ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.

(4) Għall-konsumaturi rilevanti, għandu jkun hemm distinzjoni bejn tliet setturi prinċipali li jikkonsmaw il-gass naturali:

– is-settur industrijali li jirrappreżenta 35% tal-konsum totali Ewropew tal-gass

– is-settur tal-elettriku li juża l-gass bħala fjuwil u li jammonta għal 20% tal-konsum totali Ewropew tal-gass, u

– is-settur tal-użu domestiku li jirrappreżenta 39% tal-konsum totali Ewropew tal-gass.

(5) Għalhekk rappreżentanti tal-korpi li jirrappreżentaw dawn is-setturi għandhom jipparteċipaw ukoll fil-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass.

(6) Ir-regoli dwar l-iżvelar ta' informazzjoni mill-membri tal-grupp għandhom jiġu pprovduti, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà kif stipulat fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom.tad-29 ta' Novemrbru 2001[3].

(7) Il-Grupp ta' Koordinament għall-Gass għandu jgħin sabiex jiffaċilita l-koordinament ta' miżuri ta' sigurtà tal-provvista fuq livell Komunitarju fil-każ ta' interruzzjoni sinifikanti tal-provvista, u jista' wkoll jeżamina lill-Istati Membri, u jgħinhom fejn xieraq fil-koordinament tal-miżuri li jittieħdu fuq livell nazzjonali sabiex tingħeleb l-interruzzjoni sinifikanti tal-provvista. Barra minn hekk, għandu jiskambja tagħrif dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass fuq bażi regolari, u għandu jikkunsidra aspetti rilevanti fil-kuntest ta' interruzzjoni importanti tal-provvista.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass

1. Kull Stat Membru jista' jinnomina sa mhux iktar minn żewġ rappreżentanti mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

2. Il-korpi rappreżentattivi tal-industrija kkonċernata huma

– Gas Infrastructure Europe (GIE);

– Eurogas;

– l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Produtturi taż-Żejt u l-Gass (OGP).

Kull waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet għandha tinnomina sa mhux iktar minn żewġ rappreżentanti biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp.

[3] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/548/KE, Euratom (ĠU L 215, 5.8.2006, p. 38).

3. Il-korpi rappreżentattivi tal-konsumaturi rilevanti huma

– il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Konsumaturi Industrijali tal-Enerġija (International Federation of Industrial Energy Consumers - IFIEC Europe);

– Eurelectric;

– Bureau Européen des Unions de Consommateurs (BEUC).

Kull waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet għandha tinnomina sa mhux iktar minn żewġ rappreżentanti biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp.

4. Il-parteċipanti għal-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass għandhom ikunu nominati għal kull laqgħa.

5. L-ismijiet tal-membri għandhom jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 45/2001[4].

Artikolu 2

Il-kompiti tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass

Il-kompiti tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass għandhom ikunu:

(a) li jiffaċilita l-miżuri tas-sigurtà u tal-provvista fuq livell Komunitarju, inkluż fil-każ ta' interruzzjoni sinifikanti tal-provvista;

(b) li jeżamina, u, fejn jixraq, jassisti lill-Istati Membru jikkoordinaw il-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali biex jittrattaw l-interruzzjoni sinifikanti tal-provvista.

Artikolu 3

Funzjonament

1. Il-Grupp ta' Koordinament għall-Gass għandu jitmexxa mill-Kummissjoni.

2. Bi ftehim mal-Kummissjoni, jistgħu jitwaqqfu sottogruppi biex jeżaminaw il-mistoqsijiet speċifiċi skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-grupp. Kif jintemm il-mandat tagħhom gruppi simili għandhom jiġu xolti.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistaqsi lill-esperti jew lill-osservaturi ta' kompetenza speċifika dwar suġġett fuq l-aġenda biex jipparteċipa fid-deliberazjonijiet tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass jew tas-sottogrupp jekk dan ikun utli u/jew meħtieġ.

---

[4] ĠU L 8, 1.1.2001, p. 1.

4. It-tagħrif miksub permezz tal-parteċipazzjoni fid-deliberazzjonijiet ta' grupp jew ta' sottogruppma għandux jinxtered fil-pubbliku, jekk, fl-opinjoni tal-Kummissjoni jew ta' xi membru tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass, dak it-tagħrif hu relatat ma' kwistjonijiet kunfidenzjali.

5. Il-Grupp ta' Koordinament għall-Gass u s-sottogruppi tiegħu għandhom normalment jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni skont il-proċeduri u l-iskeda li tistabbilixxi. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi ta' segretarjat. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni li għandhom interess fil-proċeduri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u s-sottogruppi tiegħu.

6. Il-Grupp ta' Koordinament għall-Gass għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura adottati mill-Kummissjoni.

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq l-Internet fl-ilsien oriġinali tad-dokument ikkonċernat, kwalunkwe sommarju, konklużjoni, jew parti minn konklużjoni jew dokument ta' ħidma tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass fuq il-websajt tas-servizz rilevanti tal-Kummissjoni.

Artikolu 4

Spejjeż tal-laqgħat

L-ispejjeż tal-vjaġġ u, fejn meħtieġ, tas-sussistenza għall-parteċipanti tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass, għall-esperti u għall-osservaturi f'rabta mal-attivitajiet tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass għandhom jitħallsu lura mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli tagħha dwar il-ħlas lura ta' spejjeż lill-esperti barranin.

Il-parteċipanti tal-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinament għall-Gass, l-esperti u l-osservaturi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li joffru.

L-ispejjeż tal-laqgħat jintraddu lura fil-limiti tal-baġit annwali allokat għall-Grupp ta' Koordinament għall-Gass mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Andris PIEBALGS
Membru tal-Kummissjoni